MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 1255/2012

**Dr. Angela Borg Cauchi u Godwin Borg Cauchi**

**vs**

**Margaret Rose Sullivan**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-atturi tad-19 ta' Dicembru 2012 li jghid hekk:

1) IIli fl-erbatax (14) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) mietet Maria Carmela sive Carrie Borg (ID 260232M), kif jirrizulta mic-certifikawt tal-mewt hawn anness u mmarkat bhala Dok. AB1.

2) IIli mir-ricerki testamentarji (Dok. AB2 u Dok. AB3) dwar l-istess Maria Carmela sive Carrie Borg jirrizulta illi fis-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008), fl-

Isptar Mater Dei, sar testment (Dok. AB4) quddiem in-Nutar Marco Buttigieg, f'liema testment hemm miktub illi t-testatrici nnominat lill-konvenuta Margaret Rose Sullivan bhala l-eredi universali tat-testatrici.

3) Illi meta sar dan it-testment Maria Carmela sive Carrie Borg ma kellhiex l-uzu tar-raguni kif rikjest mill-ligi u kienet inkapaci li taghmel testment. In fatti, apparti l-fatt illi kienet tbati minn kundizzjoni maghrufa bhala childhood encephalitis, ftit jiem biss qabel ma sar it-testment, Maria Carmela sive Carrie Borg kellha incident gravi u ddahhlet l-isptar b'concussion u b'varji kumpllkazzjonijiet medici gravi ohra tant li lanqas biss kienet f'qaghda li tiffirma l-istess testment u ftit taz-zmien wara hija mietet, u dan kollu kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4) Illi dan it-testment sar biss fuq l-inizjattiva u bl-organizazzjoni tal-konvenuta waqt li Maria Carmela sive Carrie Borg kienet fi stat ta' inkapacita fl-Isptar Mater Dei, u kien fil-fatt parti minn pjan elaborat ezegwit mill-istess konvenuta sabiex tapproprija ruhha ingustament mill-proprjeta kollha tal-ahwa xebbiet anzjani Maria sive Mary Borg, Giuseppa sive Josephine Borg u l-fuq imsemmija Maria Carmela sive Carrie Borg li flimkien kellhom proprjeta tiswa eluf kbar ta' euro konsistenti fi djar fl-aqwa toroq f'Tas-Sliema u villa quddiem il-bahar f'Ta' Xbiex. Diga hemm proceduri pendenti quddiem dina l-Onorabbli Qorti in konnessjoni ma' dan l-agir tal-konvenuta: Rikors Guramentat Numru 21/2002 (Dok. AB5) fejn qed jigu impunjati zewg kuntratti tal-24 ta' Ottubru 2008 u tal-26 ta' Frar 2009 li permezz taghhom il-konvenuta u zewgha approprijaw ruhhom mill-proprjeta immobbli ta' Maria sive Mary Borg u ohtha Giuseppa sive Josephine Borg; Rikors Guramentat Numru 436/2012 (Dok. AB6) fejn il-konvenuta qed tintalab trodd lura eluf kbar ta' euro li gibdet mill-kontijiet bankarji ta' Maria sive Mary Borg; u Rikors Guramentat Numru 708/2012 (Dok. AB7) li permezz tieghu qed jigi kkontestat ukoll l-ahhar testment ta' Maria sive Mary Borg.

5) Illi billi Maria Carmela sive Carrie Borg ma kinitx kapaci skond il-ligi, it-testment taghha tas-sbatax (17) ta' Mejju

tas-sena elfejn u tmienja (2008) (Ook. AB4) huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

6) Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

i. Tiddikjara illi Maria Carmela sive Carrie Borg ma kellhiex l-uzu tar-raguni kif rikjest mill-ligi u ghalhekk ma kinitx kapaci taghmel it-testment tas-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) quddiem in-Nutar Marco Buttigieg (Dok. AB4);

ii. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-istess testment ta' Maria Carmela sive Carrie Borg tas-sbatax (17) ta' Mejju tas-sena elfejn u tmienja (2008) quddiem in-Nutar Marco Buttigieg (Dok. AB4) huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi:

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta illi hija minn issa ingunta in subizzjoni, u b'rizerva ta' kull azzjoni ulterjuri spettanti lill-atturi.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li tghid hekk:

Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu lkoll michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan ghas-segwenti ragunijiet:

1. Illi preliminarjament l-esponenti tirrileva li hija ma gietx legalment notifikata stante li r-rikors guramentat u l-avviz tas-smigh intbghatu fl-ufficju fejn jahdem ir-ragel tal-esponenti, Stanley Sullivan, u thallew ma' impjegat tas-socjeta fejn jahdem zewgha u dan f'perjodu meta l-esponenti u zewgha kienu msiefra barra minn Malta.

2. Illi l-azzjoni odjerna hija perenta bid-dekors ta' sentejn a tenur tal-artikolu 1222 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

3. Illi l-esponenti tichad b'mod kategoriku li d-defunta Maria Carmela sive Carrie Borg ma kellhiex l-uzu tar-

raguni kif rikjest mil-ligi u li kienet inkapaci li taghmel testment. Meta ghamlet it-testment fis-17 ta' Mejju, 2008, Maria Carmela sive Carrie Borg ma kienet affetta minn ebda mard mentali u/jew kundizzjoni li effettwa l-kapacita taghha li taghmel testment u/jew kienet ghal kollox priva mill-volonta stante allegat pjan elaborat da parti tal-esponenti.

4. Illi ghalhekk l-imsemmi testment huwa validu ghal finijiet u effetti kollha tal-Ligi.

5. Illi, inoltre l-esponenti tichad b'mod kategoriku li hija kellha xi pjan elaborat biex tapproprja ruhha mill-proprjeta tal-ahwa xebbiet anzjani Maria Carmela Borg, Maria sive Mary Borg u Giuseppa sive Josephine Borg. L-esponenti dejjem agixxiet skont l-istruzzjonijiet moghtija lilha minn Maria Carmela Borg u minn Maria sive Mary Borg, li kienu wkoll kuraturi ta' ohthom Josephine Borg. Il-pjan elaborat huwa tal-attrici Angela Borg Cauchi stess li wara li abbandunat liz-zijiet taghha kompletament ghal ghexieren shah ta' snin u dawn kellhom jirrikorru ghand il-barranin ghall-ghajnuna u ghall-assistenza, wara mewthom jew meta waslu fl-ahhar, l-attrici qed tippretendi li hija ghandha takkappara l-gid tal-imsemmija zijiet u dan kompletament kontra xewqithom kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz, u b'rizerva ghal kull dritt li l-eccipjenti jista' jkollha ghal kull ma ghamlet mal-istess Maria Carmela sive Carrie Borg.

Illi ghalhekk it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-attrici li qed tigi minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat l-atti u nota ta’ sottomissjoni tal-atturi;

Rat li din hi decizjoni preliminari dwar l-eccezzjoni tal-konvenuta li l-azzjoni attrici hi perenta ai termini tal-artikolu 1222 tal-Kap. 16.

**Ikkunsidrat**

Din hi azzjoni cara. L-atturi qed jitolbu li testment datat 17 ta' Mejju 2008 maghmul minn Maria Carmela Borg quddiem in-Nutar Mario Buttigieg hu null ai termini tal-artikolu 599 tal-Kap. 16 billi japplika d-dispost tal-artikolu 597(d) cioe li persuni li ghalkemm mhux interdetti, ma kellhomx l-uzu tar-raguni fil-mument li jsir it-testment ma humiex kapaci jaghmlu testament. Din l-azzjoni saret fl-2012 u Maria Carmela Borg mietet fl-2008.

Kontra din l-azzjoni l-konvenuta qed tallega li tali azzjoni hi perenta ghax japplika l-artikolu 1222 tal-Kap. 16 cioe li l-azzjoni ghax rexissjoni ta' kuntratt minhabba d-dizabilita li persuna interdetta tikkuntratta hi preskritta wara li jghaddu sentejn.

Apparti l-kwistjoni jekk hux applikabbli dan l-artikolu billi dan l-artikolu jitkellem fuq rexissjoni ta' kuntratt mhux impunjazzjoni ta' testament li fil-fehma tal-Qorti japplika ghalih l-artikolu generali cioe 1226 tal-Kap. 16, anki jekk ghal grazzja tal-argument jista' jinghad li l-artikolu 1222 jirreferi wkoll ghal testmenti u mhux kuntratti ma jirrizultax mill-atti illi t-testatrici kienet interdetta fil-mument li sar it-testment kif irid l-artikolu 1222 tal-Kap. 16.

L-allegazzjoni tal-atturi hi li t-testatrici kienet issofri minn inkapacita naturali a differenza minn dik legali biex hi tersaq ghal att pubbliku unilaterali (ara **Salvatore Psaila vs Marianna Parlar et**, PA 06/041957). Kif ighid ll-awtur **Luca Liberati** fil-ktieb "Testamento e patti successori" (Zanichelli Editore 2009) testment jikkostitwixxi negozju guridiku, att awtonomu privat li jipproduci effetti guridici rikonoxxuti u garantiti mill-ligi stess. Hu 'negozio neutro' billi bhala att liberali jista' jipproduci effetti ta' arrikkiment tal-beneficjarju kif ukoll effetti mhux previsti.

B'dawn il-konsiderazzjonijiet, l-eccezzjoni mressqa mill-konvenuta ma ssibx sostenn legali ghax mhix applikabbli ghal kaz.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti qed tichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni a bazi tal-artikolu 1222 tal-Kap. 16 kif promos mill-konvenuta. Spejjez kontra l-konvenuta.

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------